MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 1594/2005

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**Vs**

**Aaron Rodney Paul Pavia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-27 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-Socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tnax il-Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm212.77), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tad-19 ta’ Settembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u tnax Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm212.77) bl-imghax u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------